



Dokument ta' sessjoni

B8-0391/2017

29.5.2017

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa skont l-Artikolu 133 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar ir-rispett tal-istandards tad-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet
fundamentali Ewropej

Udo Voigt

Mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar ir-rispett tal-istandards tad-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet fundamentali Ewropej

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 133 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi fl-2009 l-avukat Ġermaniż Horst Mahler ġie kkundannat tmax-il sena ħabs għal reati ta' opinjoni u konsegwentement inbagħat il-ħabs bejn il-25 ta' Frar 2009 u l-15 ta' Lulju 2015;
- B. billi sentenza ulterjuri ta' ħabs tista' tkun ta' theddida għas-saħħa tat-trasgressur, li għandu 81 sena u li hu marid serjament, u din ipprova jevitaha billi jaħrab lejn l-Ungerija;
- C. billi s-Sur Mahler ippreżenta applikazzjoni għall-asil lill-President Ungeriż Viktor Orbán fit-12 ta' Mejju 2017, iżda tteħed f'kustodju mill-awtoritajiet Ungeriżi fil-15 ta' Mejju 2017;
- 1. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-istandards tad-drittijiet tal-bniedem u l-istandards fundamentali Ewropej fil-każ ta' Horst Mahler jiġu rrispettati b'mod sħiħ;
- 2. Jistieden lill-Kummissjoni tteġġeg lill-awtoritajiet Ungeriżi japprovaw l-applikazzjoni ta' Horst Mahler għal permess ta' residenza;
- 3. Huwa tal-fehma li kundanni minħabba opinjonijiet diverġenti espressi b'mod paċifiku mhumiex kompatibbli mal-istat tad-dritt u mad-demokrazija;
- 4. Jitlob lill-awtoritajiet Ġermaniżi, fil-każ ta' Horst Mahler, biex malajr kemm jista' jkun japplikaw ir-"regola taż-żewġ-terzi" fir-rigward tal-eżekuzzjoni tas-sentenza u jlliberaw lis-Sur Mahler mingħajr dewmien;
- 5. Jitlob lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tabolixxi d-dritt speċjali tal-Paragrafu 130 tal-Kodiċi Kriminali tagħha.